

Brussell, 30 ta' Ġunju 2023  
(OR. en)

11154/23

ECOFIN 678  
UEM 212  
SOC 503  
EMPL 354  
COMPET 698  
ENV 777  
EDUC 290  
RECH 322  
ENER 413  
JAI 925  
GENDER 154  
ANTIDISCRIM 148  
JEUN 192  
SAN 429

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9848/1/23 REV 1
Nru dok. Cion:	COM(2023) 622 final
Suġġett:	RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 tal-Portugall u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tal-Portugall

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif diskuss mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni COM(2023) 622 final.

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

### **dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall tal-2023 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall tal-2023**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>, li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ("il-Faċilità"), daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinvolvu impuls fiskali ffinanzjat mill-Unjoni. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, il-Faċilità tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u inklużiv u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli u li jtejbu t-tkabbir, b'mod partikolari riformi u investimenti biex jipromwovu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u biex jagħmlu l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-Unjoni u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru taħt il-Faċilità ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

---

<sup>3</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li ta bidu għas-Semestru Ewropew 2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, li huma ċċentrati madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva. Fit-22 ta' Novembru 2022, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih identifikat lill-Portugall bħala wieħed mill-Istati Membri li jistgħu jiġu affettwati jew li jistgħu jkunu f'riskju li jiġu affettwati minn żbilanċi. Inkwantu tali, ikun meħtieġ rieżami fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju tal-Portugall għall-2023. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro u proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023, li janalizza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro<sup>4</sup> ("Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro") fis-16 ta' Mejju 2023 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fit-13 ta' Marzu 2023.

---

<sup>4</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Mejju 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (ĠU C 180, 23.5.2023, p. 1).

- (3) Filwaqt li l-ekonomija tal-Unjoni qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-Unjoni qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi kif ukoll fuq id-ditti vulnerabbli fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex jitwettqu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, l-appoġġ għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv, is-salvagwardja tal-istabbiltà makroekonomika u ż-żieda tar-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-Unjoni.
- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti" ("il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku"). L-għan tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-Unjoni u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Huwa jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan ukoll li jipprovdi ambjent li jappoġġa aktar iż-żieda fil-kapaċità tal-manifattura tal-Unjoni għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-Unjoni, u biex jiġi żgurat aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-akkwist, l-isfruttament kif xieraq tar-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u l-massimizzazzjoni tar-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku huwa bbażat fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u semplifikat, aċċess imħaffef għall-finanzjament, it-titjib tal-ħiliet, u kummerċ miftuħ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni bit-titolu "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030", strutturata fuq disa' xpruni li jsaħħu lil xulxin bl-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investiment iffukat tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.

- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsett sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti għall-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (6) Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> ("ir-Regolament REPowerEU"), li ġie adottat fis-27 ta' Frar 2023, għandu l-għan li jipproċedi malajr bl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan ser jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament REPowerEU jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li ser jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawk ir-riformi u l-investimenti ser jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet zero netti tal-Unjoni kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku u ser jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.

---

<sup>5</sup> Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

(7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024 ("il-komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023"). Din għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir ser tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju u li jżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli u stiednet lill-Istati Membri biex jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom ser jiżguraw li l-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) jiġi rispettat u jiżguraw tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdeu bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw aħjar tali miżuri lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni ddikjarat li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati. Barra minn hekk, kif propost fil-komunikazzjoni tagħha tad-9 ta' Novembru 2022 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, ir-rakkomandazzjonijiet fiskali jiġu fformulati abbażi tan-nefqa primarja netta. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jkomplu jiproteġu l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li ser tipproponi lill-Kunsill jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 abbażi tad-data tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-Unjoni. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Fil-proposti tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb is-sjieda nazzjonali, tissimplifika l-qafas u timxi lejn fokus akbar fuq terminu medju, flimkien ma' infurzar effettiv u aktar koerenti. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2023 dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE, l-objettiv huwa li l-ħidma leġiżlattiva tiġi konkluża fl-2023.
- (9) Fit-22 ta' April 2021, il-Portugall ippreżenta l-pjan tiegħu għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V għal dak ir-Regolament. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Portugall<sup>6</sup>. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li tiddikjara li l-Portugall ikun laħaq b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twertiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggġghet lura.
- (10) Fid-29 ta' April 2023, il-Portugall ippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tiegħu għall-2023 u, fid-29 ta' April 2023, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 tiegħu, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali tal-Portugall dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu.

---

<sup>6</sup> ST 10149/21; ST 10149/21 ADD 1; ST 10149/21 ADD 1 REV 1.

- (11) Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ippubblikat ir-rapport tagħha tal-pajjiż 2023 għall-Portugall. Huwa vvaluta l-progress tal-Portugall fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022 u ħa kont tal-implimentazzjoni tal-Portugall tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Abbażi ta' dik l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress tal-Portugall fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-Unjoni dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti.

- (12) Il-Kummissjoni wettqet analiżi fil-fond skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 għall-Portugall u ppubblikat ir-riżultati tagħha fl-24 ta' Mejju 2023. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Portugall qed jesperjenza żbilanċi makroekonomiċi. B'mod partikolari, il-vulnerabbiltajiet relatati ma' dejn għoli privat, tal-gvern u dak estern qed jonqsu iżda għadhom preżenti. Wara interruzzjoni temporanja minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19, il-proporzjonijiet tad-dejn tas-settur privat u tal-gvern reġgħu lura għal perkorsi ta' tnaqqis fl-2021 u huma mistennija li jkomplu jonqsu, meġġuna mit-tkabbir ekonomiku. Filwaqt li issa daww il-proporzjonijiet huma taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija, għadhom fl-livelli għoljin. Il-pożizzjoni negattiva b'mod ċar ta' investiment internazzjonali nett tjebet ukoll, kemm qabel kif ukoll wara l-pandemija tal-COVID-19, u d-dejn estern huwa previst li jkompli jonqos, appoġġat minn tkabbir ekonomiku li baqa' għaddej minkejja xi tnaqqis fir-ritmu fl-2023. Id-defiċit żgħir fil-kont kurrenti mar għall-aġar marġinalment fl-2022 u dan jirrifletti prezzijiet ogħla tal-enerġija iżda dak id-deterjorament ġie mmitigat mill-irkupru sinifikanti ulterjuri fl-esportazzjoni, speċjalment dik tat-turiżmu. Għall-ġejjieni, it-taffija kontinwa preżunta tal-prezzijiet tal-enerġija u żieda ulterjuri fl-esportazzjonijiet tat-turiżmu, kif ukoll il-politiki li għaddejjin bħalissa b'appoġġ għall-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, huma pprojetta li jibbilanċjaw il-kont kurrenti u jkomplu jappoġġaw l-aġġustament fil-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali. Il-prezzijiet tad-djar kibru b'mod qawwi għal diversi snin, filwaqt li s-self improduttiv kompli jonqos minn livelli diġà moderati. It-tnaqqis ulterjuri tal-vulnerabbiltajiet jista' jiġi mxekkel bl-impatt tal-issikkar tal-kundizzjonijiet finanzjarji u b'ambjent estern inċert, u l-impatt potenzjali tagħhom fuq it-tkabbir ekonomiku. Il-progress tal-politika kien favorevoli, b'enfasi partikolari fuq il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandha twassal għal aktar titjib.
- (13) Skont id-data vvalidata mill-Eurostat, id-defiċit tal-gvern estiż tal-Portugall naqas minn 2.9 % tal-PDG fl-2021 għal 0.4 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 125.4 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 113.9 % fi tmiem l-2022.

- (14) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, tali miżuri tal-politika fiskali li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu tnaqqis ġenerali fit-taxxa fuq il-fjuwil u l-iffriżar tal-aġġornament tar-rata tal-karbonju skont it-taxxa fuq il-fjuwil, filwaqt li tali miżuri tal-politika fiskali li jżidu n-nefqa kienu jinkludu appoġġ ta' pagament ta' darba pagabbli f'Ottubru 2022 għal gruppi differenti tal-popolazzjoni, bħall-pensjonanti, l-impjegati, it-tfal u ż-żgħażaġħ, pagamenti ta' somma f'daqqa lil unitajiet domestiċi b'introjtu baxx li huma l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, u allokkazzjoni għas-sistema nazzjonali tal-elettriku biex jitnaqqsu t-tariffi tal-grilja tal-elettriku. L-istima tal-Kummissjoni tal-kost baġitarju net ta' dawk il-miżuri hija fil-livell ta' 2.0 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, l-istima tal-kost tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 naqas għal 0.8 % tal-PDG fl-2022, minn 2.0 % fl-2021.
- (15) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 il-Portugall<sup>7</sup> juża l-Faċilità biex jiffinanzja investiment addizzjonali b'appoġġ għall-irkupru, filwaqt li jsegwi politika fiskali prudenti. Barra minn hekk, il-Kunsill irrakkomanda li l-Portugall jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti ffinanzjata fil-livell nazzjonali.

---

<sup>7</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-Portugall għall-2021 (ĠU C 304, 29.07.2021, p. 102).

- (16) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali<sup>8</sup> fl-2022 kienet ta' appoġġ, b'-1.5 % tal-PDG. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, il-Portugall kompli jappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet skont il-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni ammontat għal 1.2 % tal-PDG fl-2022 (1.7 % tal-PDG fl-2021). Dak it-tnaqqis fin-nefqa fl-2022 kien dovut għan-nefqa aktar baxxa ffinanzjata minn fondi oħra tal-Unjoni, filwaqt li dik iffinanzjata mill-Faċilità żdiedet bejn l-2021 u l-2022. L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprova kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.1 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali<sup>9</sup>. Għalhekk, il-Portugall ma żammx l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali, li ma kienx konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprova kontribuzzjoni espansjonarja ta' 1.9 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Dik il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 2.0 % tal-PDG). Il-Portugall għalhekk illimita biżżejjed it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata fuq livell nazzjonali.
- (17) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-projezzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 huwa kawt fl-2023 u konformi mat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni wara dan. Il-Gvern jipprojetta li l-PDG reali jikber b'1.8 % fl-2023 u b'2.0 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta tkabbir tal-PDG reali oġhla ta' 2.4 % fl-2023 u tkabbir kemxejn aktar baxx ta' 1.8 % fl-2024. Id-differenza hija spjegata minn kontribuzzjoni oġhla ta' tkabbir mill-esportazzjoni netta fit-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa 2023, filwaqt li l-gvern jistenna tkabbir oġhla fl-investment kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024.

---

<sup>8</sup> Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda li tinkludi n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

<sup>9</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali pprovdiet kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.2 punti perċentwali tal-PDG.

(18) Fil-programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li d-defiċit tal-gvern estiż ser jibqa' 0.4 % tal-PDG fl-2023. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż mistenni jonqos minn 113.9 % fi tmiem l-2022 għal 107.5 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 0.1 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa aktar baxx mid-defiċit projettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, prinċipalment minħabba dħul ogħla projettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, jgħid li kemm minn taxxi indiretti kif ukoll minn taxxi diretti. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon aktar baxx tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 106.2 % fi tmiem l-2023. Id-differenza hija dovuta l-aktar għad-differenzjal bejn ir-rata tal-imgħax u t-tkabbir, li hija aktar favorevoli u li tnaqqas id-dejn, projettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni.

(19) Il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri tal-politika fiskali meħuda biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022, b'mod partikolari pagamenti ta' somma f'daqqa lil unitajiet domestiċi b'introjtu baxx li huma l-aktar vulnerabbli għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, it-tnaqqis ġenerali tat-taxxa fuq il-fjuwil u l-iffriżar tal-aġġornament tar-rata tal-karbonju skont it-taxxa fuq il-fjuwil, kif ukoll miżuri diġà mħabbra fl-2022 iżda b'impatt fuq il-bilanċ tal-gvern fl-2023, bħall-allokazzjoni biex jiġi appoġġat ir-reġim tranżizzjonali għall-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tal-gass imħallsa mid-ditti li tibqa' fis-seħħ matul is-sena. L-ispiża baġitarja netta tal-miżuri ta' appoġġ hija pprojetjata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.8 % tal-PDG fl-2023<sup>10</sup>. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022<sup>11</sup>, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0.3 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel mal-1 % tal-PDG fl-2022). Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern estiż fl-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19, li ġew stmati għal 0.8 % tal-PDG.

---

<sup>10</sup> Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-kost baġitarju annwali ta' dawk il-miżuri, inkluż id-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

<sup>11</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-Portugall u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2022 tal-Portugall, (ĠU C 334, 1.9.2022, p. 181).

(20) Fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda li l-Portugall jiżgura politika fiskali prudenti fl-2023, b'mod partikolari billi jillimita t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata nazzjonalment għal taħt it-tkabbir tal-output potenzjali fuq terminu medju<sup>12</sup>, filwaqt li jqis it-tkomplija tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Fl-istess ħin, il-Portugall għandu jkun lest li jaġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Għe rakkomandat lill-Portugall ukoll biex jespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li jqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi jagħmel użu mill-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>12</sup> Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-produzzjoni fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Portugall huwa stmat għal 7.6 % f'termini nominali.

(21) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija proġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun espansjonarja (-0.7 % tal-PDG), fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja. Din issegwi l-pożizzjoni fiskali espansjonarja fl-2022 (-1.5 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) fl-2023 huwa previst li jipprovdi kontribut restrittiv ta' 0.3 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Għaldaqstant, it-tkabbir ipproġettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022. Il-kontribuzzjoni restrittiva pproġettata tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali hija dovuta, fis-sustanza, għat-tnaqqis fil-kostijiet tal-miżuri ta' appoġġ (immirati u mhux immirati) għall-unitajiet domestiċi u għad-ditti b'reazzjoni għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija (b'1.1 punti perċentwali tal-PDG). Il-muturi ewlenin tat-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (netta minn miżuri ġodda ta' dħul) huma l-persjonijiet persistenti fuq l-infiq kurrenti pubbliku, inkluż fuq il-pagi u l-pensjonijiet tas-settur pubbliku, xprunati b'mod partikolari minn żidiet permanenti fil-pagi tas-settur pubbliku u żidiet diskrezzjonali fil-pensjonijiet. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni hija proġettata li tammonta għal 2.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali huwa proġettat li jipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.3 punti perċentwali<sup>13</sup>. Għalhekk, il-Portugall qed jippjana li jiffinanzja investiment addizzjonali permezz tal-Faċilità u fondi oħra tal-Unjoni, u huwa proġettat li jippreserva l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali<sup>14</sup>. Il-pjan tiegħu hu li jiffinanzja l-investiment pubbliku fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, inkluż permezz ta' proġetti ta' dekarbonizzazzjoni tal-industrija, il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u gassijiet rinnovabbli oħra, u d-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità u minn fondi oħra tal-Unjoni.

---

<sup>13</sup> Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija proġettata li tipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0.3 ta' punt perċentwali tal-PDG, xprunata b'mod partikolari mit-trasferimenti kapitali mnaqqsa stmati lill-intrapriżi tal-istat fl-2023.

<sup>14</sup> In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-Unjoni kienet tammonta għal 2.2 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni espansjonarja għall-pożizzjoni fiskali ta' 0.3 ta' punt perċentwali. Nefqa kapitali oħra ffinanzjata fil-livell nazzjonali hija pproġettata li tipprovdi kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0.1 ta' punt perċentwali tal-PDG.

- (22) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 0.2 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-trażżin ippjanat tan-nefqa kurrenti, b'mod partikolari fil-konsum intermedju, il-kumpens tal-impjegati u s-sussidji, flimkien ma' tkabbir sostnut min-naħa tad-dħul. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 103.0 % fi tmiem l-2024. Abbażi tal-miżuri politiċi magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-gvern ta' 0.1 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa kemxejn aktar baxx mid-defiċit ipprojettat fil-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-aktar minħabba t-tkabbir aktar qawwi fid-dħul, b'mod partikolari fit-taxxi, ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta proporzjon simili tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG, ta' 103.1 % fi tmiem l-2024.
- (23) Il-programm ta' Stabbiltà tal-2023 ma jinkludix informazzjoni dwar it-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi t-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Dan huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija.

- (24) Ir-Regolament (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju b'0.5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment<sup>15</sup>. Meta jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet tas-sostenibbiltà fiskali, titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024 ikun f'loku, skont il-Kummissjoni. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, u f'konformità mal-metodoloġija tal-Kummissjoni, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali<sup>16</sup> fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-1.8 %, kif rifless f'din ir-Rakkomandazzjoni. Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 0.8 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment fl-2023, jekk l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija jippermettu li dan isir u l-ewwel għandhom ikunu l-miżuri l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern.
- (25) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipprojetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber b'2.8 % fl-2024, li huwa oġhla mir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament ipprojettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni huwa anqas mal-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija. Dan huwa dovut għal miżuri b'impatt permanenti pprojettat li jżid in-nefqa u għal riformi tat-taxxa fuq l-introjtu personali li jnaqqsu d-dħul.

---

<sup>15</sup> L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0.5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

<sup>16</sup> In-nefqa primarja netta hija definita bħala nefqa ffinanzjata fil-livell nazzjonali netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji u bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax kif ukoll in-nefqa ċiklika fuq il-qgħad.

(26) Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, l-investment tal-gvern mistenni jonqos minn 3.2 % tal-PDG fl-2023 għal 3.4 % tal-PDG fl-2024. L-investment ogħla jirrifletti investment ogħla ffinanzjat f'livell nazzjonali u investment ffinanzjat mill-Unjoni, jiġi f'forma permezz tal-Faċilità. Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jirreferi għal riformi u investimenti li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawk ir-riformi u l-investimenti jinkludu miżuri biex tiġi mmodernizzata u ssimplifikata l-ġestjoni finanzjarja pubblika u biex jiġu aġġornati s-sistemi ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni finanzjarja pubblika, bħall-iżvilupp ta' mudell għall-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni baġitarja u finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika, l-operazzjonalizzazzjoni tal-entità tal-kontabbiltà tal-istat, kif ukoll l-integrazzjoni tal-ibbaġitjar tal-programmi u r-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju regolari, li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

(27) Il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2027. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, id-defiċit ġenerali tal-gvern mistenni jonqos gradwalment għal 0.1 % tal-PDG fl-2025, u jilħaq pożizzjoni baġitarja bbilanjata fl-2026, biex aktar tard jilħaq surplus żgħir ta' 0.1 % tal-PDG fl-2027. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li jibqa' taħt it-3 % tal-PDG matul l-orizzont tal-Programm. Skont il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos minn 103.0 % fi tmiem l-2024 għal 92.0 % sa tmiem l-2027.

Kompożizzjoni aktar favorevoli għat-tkabbir tal-finanzi pubbliċi, kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa tal-baġit pubbliku, issaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali fit-tul tal-Portugall waqt li ttejjeb l-ambjent tan-negozju u tikkontribwixxi għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. Il-benefiċċji tat-taxxa jintużaw ħafna fis-sistema tat-taxxa Portugiża, b'aktar minn 500 benefiċċju tat-taxxa mifruxa fuq aktar minn 60 test legali. Dan iżid il-kumplessità u jnaqqas it-trasparenza tas-sistema filwaqt li fl-istess ħin jirriżulta fi dħul mitluf. Il-kosteffiċjenza tal-benefiċċji tat-taxxa eżistenti tibbenefika jekk tiġi mmonitorjata u vvalutata b'mod sistematiku, u tippermetti titjib sinifikanti f'dan il-qasam. Barra minn hekk, is-soprataxxi tal-Istat u dawk muniċipali jikkumplikaw it-taxxa korporattiva fuq l-introjtu, li toħloq piż addizzjonali kemm għall-amministrazzjoni tat-taxxa kif ukoll għan-negozji. L-effiċjenza tal-amministrazzjoni tad-dħul tal-Portugall tista' tissaħħaħ biex tinkoraġġixxi l-konformità volontarja, filwaqt li tgħin biex jitnaqqsu l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi. Il-kost amministrattiv tal-ġbir tat-taxxa huwa għoli u kompli jżdzied f'dawn l-aħħar snin (b'madwar 5 % mill-2018 sal-2020). Fl-istess ħin, iż-żmien meħud biex jitħallsu t-taxxi fil-Portugall jidher li huwa itwal milli fi Stati Membri oħra. L-arretrati tat-taxxa pendenti diġà għolja komplew jżdziedu (kienu 45.9 % tad-dħul totali sa tmiem l-2020, ferm ogħla mill-medja tal-Unjoni).

(28) Il-kapaċità tal-benefiċċji skont is-sistema tal-protezzjoni soċjali tal-Portugall għat-tnaqqis tal-faqar hija baxxa u kompliet tonqos fl-2021, filwaqt li l-evoluzzjoni tas-sehem ta' persuni friskju ta' faqar kienet fost l-aġar fl-Unjoni (b'żieda ta' 2.4 punti perċentwali), fuq sfond ta' stabbiltà ġenerali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-adeqwatezza tal-introjtu minimu għadha baxxa u hija ferm taħt il-livell limitu tal-faqar. Ċifri bħal dawn huma ta' sfida għall-kapaċità tal-Portugall li jilħaq l-għanijiet tat-tnaqqis tal-faqar li jinsabu fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Fl-istess ħin, is-sistema tal-protezzjoni soċjali għadha kumplessa, peress li diversi tipi ta' benefiċċji soċjali jidhru li jaqdu objettivi simili. Il-kumplessità u l-frammentazzjoni li jirriżultaw frati ta' użu relattivament baxxi u nuqqas ta' enfasi effettiva fuq il-persuni li huma l-aktar fil-bżonn, u dan ixekkel il-kopertura u fl-aħħar mill-aħħar l-adeqwatezza tal-benefiċċji soċjali. Is-simplifikazzjoni tal-benefiċċji eżistenti flimkien ma' implimentazzjoni f'waqtha tal-istrateġija nazzjonali għall-ġlieda kontra l-faqar ser iżidu l-kapaċità tal-Portugall li jiffaċċa sfidi soċjali futuri.

(29) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241 u l-kriterju 2.2 tal-Anness V għal dak ir-Regolament, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Portugall tinsab għaddejja, madankollu b'riskju ta' xi dewmien. Il-Portugall ressaq żewġ talbiet għal pagament, li jikkorrispondu għal 58 stadji importanti u miri fil-pjan u li jirriżultaw fi żborż ġenerali ta' EUR 2.98 biljun. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza Portugiż huwa ta' natura ambizzjuża u kumplessa. Governanza b'saħħitha u monitoraġġ kontinwu tal-pjan huma essenzjali biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' dewmien. L-inklużjoni tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ser tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi tal-Portugall fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn minn dak il-pjan, sabiex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali. Fis-26 ta' Mejju 2023, il-Portugall ippreżenta emenda tal-pjan tiegħu, rivedut b'miżuri ġodda, inkluż kapitolu REPowerEU, u l-emenda tiegħu kont tal-kontribuzzjoni finanzjarja massima miżjuda<sup>17</sup>. F'konformità mal-Artikolu 14(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Portugall ressaq ukoll it-talba tiegħu għal appoġġ ta' self addizzjonali taħt il-Faċilità.

---

<sup>17</sup> Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-Portugall ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022 għal ammont ta' EUR 15.5-il biljun f'għotjiet, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament(UE) 2021/241.

- (30) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tal-Portugall fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali u jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat fil-Portugall.
- (31) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni, il-Portugall qed jiffaċċa għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-ekonomija ċirkolari, l-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (32) Il-Portugall huwa ferm inqas mill-medja tal-Unjoni fil-progress tiegħu lejn ekonomija ċirkolari, il-produttività tar-riżorsi fl-industriji u fir-rigward tal-indikaturi tal-ġestjoni tal-iskart, b'differenzi reġjonali sinifikanti. Ir-rata medja ta' riċiklaġġ muniċipali hija partikolarment baxxa (30.5 % fl-2021, imbiegħda ferm mill-mira tal-Unjoni ta' 50 % sal-2020) u tvarja skont ir-reġjun. Il-kisba tal-miri tal-Unjoni għad-deċennju li ġej, inkluż l-ilħuq tal-mira ta' 55 % tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali sal-2025, ser jirrikjedi sforz sinifikanti. Jeħtieġ titjib biex tiżdied il-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni, l-għażla, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart, f'konformità mal-passi oġhla fil-ġerarkija tal-iskart, biex b'hekk l-iskart ma jispiċċax fil-miżbliet u fl-inċineraturi, u biex jiġu mmodernizzati l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u t-trattament tal-iskart. Eżempji ta' kif jistgħu jintlaħqu aħjar dawk l-oġettivi jinkludu ż-żieda fit-tariffi tal-miżbliet u tal-inċinerazzjoni, l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-iskart residwu u ż-żieda fit-tariffi fuq il-muniċipalitajiet li jonqsu milli jilħqu l-miri tar-riċiklaġġ. Barra minn hekk, il-proċess jista' jiġi aċċellerat billi jiġi estiż il-ġbir separat tal-iskart u jiġu żviluppati aktar skemi bħal "ħallas skont kemm tarmi", "ritorn tad-depożitu" u Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.

(33) Minkejja l-progress li sar, anke fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, il-Portugall għadu dipendenti ħafna fuq il-fjuwils fossili importati, biż-żejt u l-gass jammontaw għal 45 % u 23 % rispettivament tat-taħlita tal-enerġija tiegħu fl-2021. Barra minn hekk, id-dipendenza għolja tal-Portugall fuq il-gass għall-produzzjoni tal-elettriku toħloq riskji f'termini ta' sigurtà tal-provvista, speċjalment meta titqies l-iskarsezza tal-enerġija idroelettrika minħabba nixfiet aktar frekwenti. Sabiex jiġu aċċellerati l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni, jistgħu jiġu segwiti aktar għadd ta' miżuri li jibnu fuq ir-riformi u l-investment li huma parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Portugall, u li jmorru lil hinn minnhom. Biex jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-Portugall jista' jsegwi l-progress li għamel is-sena li għaddiet dwar is-simplifikazzjoni tal-proċess tal-għoti ta' permessi tiegħu, inkluż billi jżid il-kapaċità tal-amministrazzjoni li tittratta l-permessi, iżid id-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u jintroduċi arranġamenti ta' ppjanar spazjali aktar favorevoli għall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta, li l-potenzjal għaliha għadu mhux sfruttat biżżejjed. Azzjonijiet ulterjuri għall-promozzjoni tal-awtokonsum, inkluż l-enerġija solari fuq il-bjut, u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu ta' benefiċċju wkoll. Minkejja t-tkabbir, l-għadd ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fil-Portugall għadu baxx u hemm lok biex jiġi ffaċilitat il-liċenzjar tagħhom u biex jinħolqu skemi ta' inċentivi.

(34) Hekk kif jiġu integrati aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, aktar investment biex tiġi estiża l-kapaċità tal-ħżin u tan-network ser ikun essenzjali biex jiġi ssalvagwardjat il-bilanċ tal-grilja tal-elettriku. Il-Portugall jista' jibbenefika mit-tisħiħ tal-interkonnessjonijiet tal-elettriku tiegħu, peress li l-livell ta' interkonnessjoni ma' Spanja għadu baxx meta mqabbel mal-miri tiegħu għall-2030. L-istatus tal-grilja tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni jista' jittejjeb permezz tat-tisħiħ tal-grilja interna, investimenti addizzjonali fil-ħżin tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-grilja. L-introduzzjoni relattivament baxxa ta' arloġġi intelliġenti tfixxkel l-iżvilupp ta' sistema deċentralizzata ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Sabiex jindirizza l-livell għoli ta' dipendenza tiegħu fuq il-fjuwils fossili fil-bini u jnaqqas il-konsum tal-enerġija, il-Portugall jeħtieġ li jaċċellera l-isforzi tiegħu dwar l-effiċjenza enerġetika lil hinn minn dak li huwa stabbilit fil-pjan Portugiż għall-irkupru u r-reżiljenza u l-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Miżuri ulterjuri jenħtieġ li jikkontribwixxu wkoll biex jiġi indirizzat is-sehem għoli tal-popolazzjoni Portugiża li qed tesperjenza faqar enerġetiku. Iż-żieda fl-isforzi biex jiġu inċentivati rinnovazzjonijiet profondi, inkluż billi tingħata assistenza teknika lill-applikanti, tista' taċċellera l-adozzjoni ta' proġetti ta' rinnovazzjoni. Barra minn hekk, il-Portugall jista' jibbenefika minn qafas imsaħħaħ għal skemi finanzjarji għall-ingranaġġ ta' investimenti privati għal rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija. B'dan il-mod, il-Portugall jista' jimmira aktar riżorsi bbażati fuq l-għotjiet lejn l-unitajiet domestiċi fil-bżonn. Il-konsum tal-gass naturali tal-Portugall naqas b'16 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fil-ħames snin preċedenti, li jaqbeż il-mira ta' tnaqqis ta' 15 % stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369<sup>18</sup>. Il-Portugall jista' jkompli bl-isforzi tiegħu biex inaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024 skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/706<sup>19</sup>.

---

<sup>18</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369 tal-5 ta' Awwissu 2022 dwar miżuri kkoordinati għal tnaqqis fid-domanda għall-gass (ĠU L 206, 8.8.2022, p. 1).

<sup>19</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/706 tat-30 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/1369 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-tnaqqis fid-domanda għall-miżuri tat-tnaqqis fid-domanda tal-gass, u t-tisħiħ tar-rapportar u tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (ĠU L 93, 31.3.2023, p. 1).

- (35) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-manifattura, l-introduzzjoni u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawk il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Portugall qed jiffaċċa nuqqasijiet ta' ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-manifattura. Dan jibbenefika mit-tiżni tal-politiki tiegħu għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika.
- (36) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni<sup>20</sup> tiegħu hija riflessa fir-rakkomandazzjoni (1).

---

<sup>20</sup> Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.

- (37) Minħabba l-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-unjoni ekonomika u monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu livell għoli ta' investiment pubbliku u jippromwovu l-investimenti privati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju u mmirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-unjoni bankarja. Għall-Portugall, ir-rakkomandazzjonijiet (1), (2) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet rakkomandazzjoni mogħtija fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 dwar iż-żona tal-euro.
- (38) Fid-dawl tal-analiżi fil-fond tal-Kummissjoni u tal-valutazzjoni tagħha, il-Kunsill eżamina l-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 u l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 huma riflessi fir-rakkomandazzjoni Nru (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jgħinu biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet marbuta mad-dejn tal-gvern. Ir-rakkomandazzjoni (2) tikkontribwixxi għall-indirizzar tar-rakkomandazzjoni (1). Il-politiki msemmija fir-rakkomandazzjoni (1) jikkontribwixxu kemm għall-indirizzar tal-iżbilanċi kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rakkomandazzjoni tal-2023 għaż-żona tal-euro, f'konformità mal-premessa 37.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Portugall jieħu azzjoni fl-2023 u fl-2024 biex:

1. Inaqas gradwalment il-miżuri urġenti ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ, u juża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern, malajr kemm jista' jkun fl-2023 u l-2024. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ ġodda jew li jitkomplew, jiżgura li tali miżuri ta' sostenn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Jiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi jillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 1.8 %<sup>21</sup>, sakemm rata ta' referenza oġġla fit-tkabbir tan-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment ma tkunx stmata li tkun kompatibbli mal-fatt li l-Portugall jilħaq l-MTO tiegħu ta' -0.5 % tal-PDG, fost l-oħrajn jekk in-nefqa f'imġax tkun aktar baxxa minn dik ipprojetjata bħalissa mill-Kummissjoni.

Jippreserva l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżgura l-assorbiment effettiv tal-ġhotjiet taħt il-Faċilità u ta' fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari biex irawwem it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, ikompli jsegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġġla, sabiex jikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

Itejjeb l-effettività tas-sistemi tat-taxxa u tal-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari billi jipprijoritizza s-simplifikazzjoni taż-żewġ oqfsa, isaħħaħ l-effiċjenza tal-amministrazzjonijiet rispettivi tagħhom, u jnaqqas il-piż amministrattiv assoċjat.

---

<sup>21</sup> Li hija stmata li tikkorrispondi għal titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali ta' mill-inqas 0.3 % tal-PDG għall-2024, kif deskritt fil-premessa 24.

2. Jaċċellera l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu, anke billi jiżgura kapaċità amministrattiva adegwata u, wara l-preżentazzjoni reċenti tal-addendum, inkluż il-kapitolu REPowerEU u t-talba għal self addizzjonali, jibda malajr l-implimentazzjoni tal-miżuri relatati. Ikompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Itejjeb il-kundizzjonijiet għal tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, b'mod partikolari billi jżid il-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tal-iskart biex l-iskart ma jispiċċax fil-miżbliet u inċineraturi.
4. Inaqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili. Ikompli jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli billi jkompli jissimplifika u jiddiġitalizza l-permessi biex jippermetti l-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija mir-riħ, b'mod partikolari lil hinn mill-kosta, u dik solari, kif ukoll billi jipromwovi l-awtokonsum u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Iżid il-kapaċità tal-interkonnnessjoni tal-elettriku u jaġġorna l-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku, filwaqt li jippermetti investimenti fil-ħżin tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni tal-grilja, inkluż introduzzjoni aktar rapida tal-arloġġi intelliġenti. Jaċċellera l-investiment fl-effiċjenza enerġetika billi jipromwovi skemi finanzjarji biex jattira l-investiment privat u jappoġġa l-unitajiet domestiċi fil-bżonn. Iżid l-isforzi politiċi mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*